MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 06 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2036/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Island Resorts Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta' Lm 443.95c (erbgha mija, tlieta u erbghin liri Maltin u hamsa u disghin centezmi), kwantu ghal Lm386.04c Royalty u Lm 57.19c Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess Royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru. 010504 (Dok. "A") rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbliment "Sorreda Hotel" (maghrufa ukoll bhala

SOREDA HOTEL) il-Qawra ghall-perjodu mis- 6 ta' Dicembru, 2001 sal- 5 ta' Dicembru, 2002.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti, mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tat- 28 ta' Frar, 2002 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjes u l-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**